## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Edmond Cuschieri]

## vs

## Paul Scicluna

**Kumpilazzjoni Numru: 804/12**

**Illum, 11 ta' Lulju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 794559(M).

Akkuzat talli:

> Nhar il-5 ta' Awwissu 2012, ghall-habta ta' 11.30 a.m. gewwa l-bajja tal-Gnejna limiti tal-Imgarr attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 1574 Renaldo Cremona u PC 1189 Jurgen Falzon persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan ai terminu tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Talli wkoll fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1574 Renaldo Cremona u fuq il-persuna ta' PC 1189 Jurgen Falzon u dan skont kif iccertifikaw Dr Lorraine Tabone MD mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u Dr S. B. Das MD mid-dipartiment tal-Emergenza ta' Mater Dei u dan ai termini tal-Artikoli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi rrifjuta jaghti, jew ta falz, lil PS1574 u PC1189 ufficjali pubblici inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra u dan ai terminu tal-Artikolu 338(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe` PS1574 u PC 1189 jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun u dan ai terminu tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti li anki jikkonsisti f'dagha, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan ai terminu tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat insubordinazzjoni da parti tal-imputat meta nhar il-hamsa (5) ta' Awwissu 2012, fil-bajja tal-Gnejna, l-imputat aggredixxa lil zewg ufficjali tal-pulizija u cioe` lil PS 1574 Renaldo Cremona u lil PC 1183 Jurgen Falzon.

Jirrizulta mix-xhieda tal-istess **PS 1574 Renaldo Cremona** li xehed nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2012 illi hu u l-pulizija l-iehor kienu qeghdin jaghtu citazzjonijiet fuq karrozzi li kienu pparkjati hazin fil-bajja tal-Gnejna u f'hin minnhom gie fuqhom l-imputat u beda jaggredihom verbalment bil-konsegwenza illi huwa spicca jaghti daqqa ta' ponn lis-surgent. Is-surgent jghid illi gie l-imputat u

> ***"u beda jghajjat maghna u jisfida lilna l-pulizja sabiex ma naghtux citazzjonijiet ghax hemmhekk, skont hu, kienet art privata ta' wiehed jigi minnu. Ta' min jghid li dan Pawlu beda jhedded lilna l-pulizija biex jekk kellna l-hila mmorru naghtu citazzjoni fuq il-vettura tieghu sabiex ahna mbaghad nkunu nistghu naraw sa fejn huwa jista' jasal, xi jsarraf voldieri Sinjura Magistrat. Jiena u l-kollega tieghi tlabnih biex jieqaf minn dan l-ghemil irresponsabbli, pero` gara li dan baqa' jippersisti fl-ghemil u jien tlabtu biex jaghtini l-particulars tieghu imma gara li dan beda jidghi u jghid li huwa jigi jaqa' u jqum mill-pulizija u telaq jimxi l-hemmhekk . . . .".***

Is-surgent ikompli jghid

> ***"x'hin jien u l-kollega wasalna hdejh dan Paul beda jghajjat u jidghi b'mod specjali f'wicci bil-konsegwenza li beda jtajjar, skuzi xi bzieq f'wicci u f'wicc il-kollega. Jiena ppruvajt bil-kelma t-tajba nikkonvinci lil dan Paul biex jikkalma imma dan kien kollu ghalxejn ghax dan baqa' jippersisti b'dan l-ghemil, ma riedx jaf."***

Ix-xhud ikompli jghid illi ma kellux triq ohra hlief li jipprocedi ghall-arrest izda l-imputat kompla jissara bil-konsegwenza li waqghu mal-art u hemmhekk fajjar daqqa ta' ponn lilu.

Ix-xhieda tal-kuntistabbli **Jurgen Falzon** tikkombacja perfettament ma' dik tas-surgent u hareg car illi inizzjalment il-kliem ta' tghajjir li beda jlissen l-imputat kienu diretti lejn l-ufficjali tal-pulizija.

Dan jikkontrasta ma' dak li kien qal l-imputat fl-istqarrija tieghu li hu kien qed jitkellem b'lehen gholi u semghuh il-pulizija bil-konsegwenza li kienu huma li avvicinawh u mhux hu.

Xehdet ukoll **Rosalie Mintoff** nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2012, fejn hija tahdem mat-Taqsima tal-Biodiversita` u dakinnhar kienet fuq il-post peress li kienet qed tissorvelja fekruna li kienet dahlet fil-bajja u tghid illi fil-waqt illi hija kienet qed tkellem lil wiehed mill-ufficjali involuti gie l-imputat b'rabja u beda jghajjat mas-surgent. Hi tghid illi ma setghetx tara l-incident kollu imma taf li nqalghet *commotion* shiha u meta is-surgent beda jindirizza lill-imputat huwa ma tax kasu u baqa' sejjer u mbaghad is-surgent mar warajh. Hija tghid li ma rat xejn aktar.

Xehed ukoll **Raymond Dimech** mill-MEPA li kien ukoll fuq il-post fejn ikkonferma li kien gie l-imputat b'rabja u beda jlissen kliem bhal ***"kellkom***

***bzonn harriktu lili"*** jew kliem f'dan is-sens. Huwa jghid ukoll illi meta s-surgent staqsieh jekk kienx qed ikellem lilu, l-imputat baqa' sejjer l'hemm u telghu aktar'il fuq u minn hemm ma ra xejn aktar.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **<u>Paul Scicluna</u>** li spjega li dakinnhar huwa mar jiccekkja l-karrozza tieghu u meta kien qed jitkellem ma' persuna beda jghid illi l-pulizija ma messhomx jaghtu citazzjonijiet fuq art privata. Fil-pront gie pulizija u hattfu minn spalltu, tah daqqa ta' ponn go wiccu, gidmu fi tliet swaba, tah daqqa ta' zarbun u l-imputat iddefenda ruhhu bil-konsegwenza li dan gie arrestat. L-imputat, fuq il-fatt li baqa' sejjer meta l-pulizija gera warajh, dan jghid illi vera baqa' sejjer izda ghax ma kienx ghamel xejn hazin u kien hemmhekk li l-pulizija allegatament tah daqqa ta' ponn.

Ikkunsidrat illi l-imputat huwa akkuzat principarjament ta' vjolenza fuq ufficjal pubbliku liema Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-**Prof Mamo** fin-noti tieghu **<u>Notes on Criminal Law</u>** jghid hekk meta kien qed jikkwota **Cheveau et Helie**:

> ***"Quando l'oltraggio si verifika nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' differente; la legge vede soltando il turbamento, l'inguria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe".***
>
> ***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistence can***

> ***arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or of the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".***

Illi l-Qrati Maltin kellhom l-okkazjoni li jiddibattu din il-materja u fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Zahra</u>** (deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Settembru 20012) intqal:

> ***"Dana l-artikolu*** *(referring to Article 96)* ***jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*** *(the same as Article 95(1))*, ***izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita' kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz".***

Illi l-imputat, ghalkemm ta il-verzjoni tieghu tal-istorja xejn ma tikkonvinci l-Qorti ghaliex hu jridha temmen illi l-pulizija involut ikkommetta dawk l-offizi kollha fuq l-imputat ghaliex huwa ma kienx ta' kasu meta kien qed ikellmu. L-ebda ufficjal f'sensieh ma jaghmel hekk *multo magis* meta kien hemm diversi nies ohra prezenti li dawn kollha qalu li kien l-akkuzat li avvicina lill-ufficjali u li aggredihom verbalment. Illi l-imputat ma messux jindahal fuq materja li ma tappartjenihx wisq anqas ma messux imur b'atteggjament aggressiv fuq l-ufficjali li wara kollox kienu qeghdin jaghmlu xoghlhom. L-imputat kellu jkun u jagixxa b'mod rispettuz anke jekk forsi hu haseb li l-ufficjali ma kellhomx jaghtu citazzjonijiet skont hu fuq propjeta` privata.

Illi mhux hekk biss illi tant eskalat ghal tali punt illi l-imputat kien aggressive anke fizikament u l-Qorti thoss li l-aktar verzjoni verosimili hi dik tal-ufficjali fejn anke r-ritratti prodotti mill-espert nominat mill-Qorti juru li is-surgent Renaldo Cremona qala' daqqa ghaliex fejn huwa kellu n-nuccali kien hem il-marki tieghu fuq wiccu apparti griehi ohra hfief fuq l-idejn taz-zewg ufficjali.

Huwa fatt illi l-imputat kellu xi griehi wkoll izda dan gabhom mhux ghax xi hadd aggredieh izda ghaliex bl-atteggjament vjolenti u aggressiv tieghu u l-fatt li ma riedx jikkopera maghhom, l-ufficjali ma kellhomx triq ohra li jippruvaw jimmanettjawh izda bil-konsegwenza huma waqghu t-tlieta fl-art.

Illi din il-Qorti tinnota li l-imputat gie attribwit l-addebitu tar-recidiva izda l-ebda sentenza li turi dan ma giet esebita mill-prosekuzzjoni u l-fedina penali pprezentata fl-atti ma hi xejn cara sabiex turi l-partikolaritajiet indikati.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 96, 221 (1) u 222 (1)(c) u 338 (g), 338 (ee) u 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti thoss illi l-akkuzi kollha hlief dik tar-recidiva gew ampjament ippruvati u stante li dan ir-reat sehh qabel ma gie emendat l-Artikolu 96 u stante li t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza tikkundanna lill-imputat **Paul Scicluna** ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena (1).

Finlament, spejgat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**